II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Settembru 2008

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll tal-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

(2008/936/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu flimkien ma' l-Artikolu 300 (2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, u l-Artikolu 300 (3), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ottubru 2006 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, mar-Repubblika ta' l-Albanija sabiex tikkonkludi Protokoll tal-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunitajiet Ewropej, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

(2) Dawn in-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Protokoll ġie inizjalat fis-7 ta' Jannar 2008. Dan il-Protokoll għandu jiġi konkluż f'isem il-Komunità.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll tal-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea hu b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'din awtorizzat jinnomina il-persuni mogħtija s-setgħa, f'isem il-Komunità Ewropea, sabiex jiffirmaw il-Protokoll.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità Ewropea, jiddepożita l-istrumenti ta' approvazzjoni previsti fl-Artikolu 11 tal-Protokoll.

Artikolu 4

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Settembru 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

B. KOUCHNER